## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MAHER HABOU (KI. 158517A)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**12/03/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil Maher Habou** **Bin N/A mwieled fl-01/01/2002 Syria**
**u joqghod 107, Warda Tal-Gilju, Triq il-Hamrija, Marsaskala**
**I.D: 158517(A)**

**BILLI inti akkuzat/a** talli fis-27/06/2021 ghall-habta ta' 02:40 hrs u fil-hin ta' qabel gewwa Triq tal-Barrani, Zejtun, soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TAN 088;

1. Bil-hsieb biss li taghmel uzu temporanju soqt xi vettura, kemm jekk immexxija b`forza mekkanika, kemm b`mezz iehor, minghajr il-kunsens tas-sid taghha jew ta`xi awtorita` kompetenti **Sec. 61(1), Chap. 65**
2. Inqast u/jew irrifjutajt li taghti jew tajt falz lill-Puluzija jew ufficjal iehor meta talabkhom waqt il-qadi ta`dmirijietu, ismek u kunjomok, fejn toqghod u partikolarijiet ohra. **Sec. 338(g), Chap. 9**
3. Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-Pulizija waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu **Sec. 338(ee), Chap. 9**
4. Taghjt hazin lil xi ufficjal tal-Pulizija jew ufficjal tal-komunita' filwaqt li kienu qeghdin jaqdu dmirijiethom, ismek, kunjomok , n-numru tal-karta tal-identita', l-indirizz jew xi partikolaritajiet ohra, jew xi dokument li jista' jkun mehtieg skond il-ligi **Sec. 124(2), L.S. 65.11**
5. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1405 Dylan Gerada (*affidavit*), Kevin Laferla, Lawrence Orsini u Mohammed Fawzi Husain Kubeja.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta fost oħrajn mill-*affidavit* ta' **<u>PS 1405 D. Gerada</u>** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-Pulizija waqqfet lix-xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TAN-088 li ntalab jurihom liċenzja tas-sewqan u/jew dokument ta' identifikazzjoni. Dan min-naħa tiegħu urihom liċenzja tas-sewqan ta' persuna li dehret ċar għall-Pulizija li ma kienetx il-persuna li kellha quddiemhom. Wara li l-Pulizija għaddiet għall-arrest tiegħu u ngħata t-twissija u d-drittijiet skond il-liġi x-xufier għaddielhom liċenzja ta-sewqan b'ritratt li kien jidher li huwa tiegħu. Din il-liċenzja kienet tgħajjat lill-imputat u minnha rriżulta illi d-data tat-twelid tal-imputat hija l-1 ta' Jannar 2002. Peress illi mill-polza tal-assikurazzjoni rriżulta lill-Pulizija ili l-vettura setgħet tinstaq biss mill-*policyholder*, ċertu Mohammed Fawzi Husain Kubeja u peress ukoll illi l-imputat kellu biss għoxrin sena, il-Pulizija Eżekuttiva għaddiet biex tressaq lill-imputat il-Qorti *inter alia* bi ksur tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Mix-xhieda ta' **<u>Kevin Laferla</u>**, rappreżentant ta' Laferla Insurance Agency Limited, irriżulta fost oħrajn illi fid-data tal-allegat akkadut fir-rigward tal-użu tal-vettura in kwistjoni mill-*policyholder* Mohammed Fawzi Husain Kubeja u kwalsiasi xufier ta' 25 sena jew aktar (li jsuqu bil-permess tal-*policyholder*) kien hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni maħruġa mill-istess kumpanija li *inter alia* tkopri r-riskji għal terzi persuni. Kopja ta' din il-polza ġiet esebita in atti.

3. Mix-xhieda ta' **<u>Lawrence Orsini,</u>** rappreżentant ta' Laferla Insurance Agency Limited, irriżulta fost oħrajn illi l-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni żgur ma kienetx tkopri xufier li ma jkunx għalaq 25 sena.

4. Mix-xhieda ta' **<u>Mohammed Fawzi Husain Kubeja</u>** rriżulta illi dan kien għadda l-vettura lill-imputat li talbu ċ-ċwievet sabiex iwassal lil ħabib tiegħu. Ix-xhud qal iżda li ma kienx jaf li l-imputat kellu inqas minn 25 sena.

*L-ewwel imputazzjoni*

5. Mill-provi rriżulta illi din l-ewwel eċċezzjoni ma tirriżultax billi l-vettura ntuzat mill-imputat bil-kunsens ta' sidha.

*It-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni*

6. Mill-assjem tal-provi, kemm it-tieni, kemm it-tielet u kif ukoll ir-raba' imputazzjonijiet jirriżultaw ippruvati skond il-liġi.

*Il-ħames imputazzjoni*

7. Dwar il-ħames imputazzjoni, dik li l-imputat kien qiegħed isuq mingħajr ma kien hemm fis-seħħ għall-użu ta' dik il-vettura minnu, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, l-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni) jipprovdi illi:

> **'3 (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)'**

8. Mix-xhieda ħareġ illi fid-data tal-allegat akkadut kien hemm polza tal-assigurazzjoni maħruġa minn Laferla Insurance Agency Limited li tkopri lil *policyholder* Mohammed Fawzi Husain Kubeja u kwalsiasi xufier ta' 25 sena jew aktar (li jsuqu bil-permess tal-*policyholder*). Il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'dan ir-reat minħabba l-fatt illi huwa ma kienx għalaq 25 sena fid-data tal-allegat akkadut.

9. Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kienet dik illi għall-finijiet tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104, ma' tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura

għandux liċenzja tas-sewqan jew le[1], għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluż mill-kopertura tal-polza jew le, darba jirriżulta illi ikun hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni tal-vettura u dan għaliex it-terz ikun dejjem protett u għalhekk f'dak il-każ ir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 ma' jissustix[2] u semmai il-kwistjoni kienet tirrisolvi ruħha f'waħda ta' natura ċivili iżjed minn dik kriminali.

10. Bis-sentenzi riċenti u studjati tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u ċioe dawk mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023)** u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023)**, il-pożizzjoni li ttieħdet hija waħda differenti u dan fis-sens illi kwalunkwe persuna li jkun qed jiffaċċja din l-imputazzjoni irid attivament jipprova illi huwa kien personalment kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura altrimenti ikun ħati tar-reat ipotizzat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104. Hekk per eżempju huwa fatt magħruf illi l-kundizzjonijiet tal-poloz ta' diversi kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-sewqan f'pajjiżna jkopru lis-sewwieq li ma jkunx fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan jekk dan kellu waħda fil-passat u ma jkunx ġie skwalifikat milli jżommha jew sewwieq li ma jkunx qed isuq vettura li jkollha l-liċenzja tat-triq skaduta. Għalhekk jekk l-imputat jtella' rappreżentant tal-kumpanija tal-assigurazzjoni sabiex jikkonferma illi nonostante dak allegat mill-Prosekuzzjoni huwa xorta waħda mhuwiex meqjus eskluż mill-kopertura tal-polza in kwistjoni, huwa ikun issodisfa l-oneru impost fuqu mill-Art. 3(1A) tal-Kap. 104.

11. Din il-Qorti, għalkemm mhijiex marbuta illi ssegwi kwalsiasi linja ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell, tqis li jkun għaqli u fl-interess tal-ġustizzja li jkun hemm uniformita' fis-sentenzi u għalhekk hija tara li għandha ssegwi ukoll u tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fuq din il-materja.

---

[1] Naturalment dan ikun reat separat suġġett għal proċeduri kriminali diversi!

[2] Din hija posizzjoni li ġiet abbraċjata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi fil-passat inkluż per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015)

12. Issa f'din il-kawża kif ingħad irriżulta b'mod ċar illi fid-data tal-allegat reat l-imputat ma kienx għalaq 25 sena u għalhekk għalkemm kellu l-permess isuq il-vettura minn sidha, madanakollu huwa kien eskluż mill-kopertura. Din il-ħames imputazzjoni għalhekk tirriżulta li ġiet ppruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni stante illi ma tirriżultax, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 338(g) u 338(ee) tal-Kap. 9, l-Art. 124(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, issibu ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**